MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru 1057/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**LUDWIG BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ludwig Bugeja ta’ 32 sena, iben Angelo u Yvonne nee’ Camilleri, mwielda Pieta’ nhar il-05/02/1976, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 113276M u residenti gewwa 21, Triq Joseph Stivala Paola jew 24 Sur San Nikola Bormla.

Billi gie akkuzat:

1. Talli fis-7 ta' Ottubru 2008, gewwa Bormla u gewwa dawn il-gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 155.60 Ewros (mija hamsa u hamsin Ewro u sittin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Joseph Farrugia detentur tal-karta tal-identita 140081M u/jew HSBC Bank plc;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D, datata 14 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel,.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mtiluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CSH1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fl-Akkuza a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fl-Akkuza a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 184 u 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ludwig Bugeja, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Ludwig Bugeja ghall-piena komplessiva ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Akkuza maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri kif riportat

aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fl-Akkuza maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------